MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 53/2010

**Keith Busuttil**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Keith Busuttil fl-10 ta' Dicembru 2010, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (a) qabel xejn u qabel is-smigh ta' dan l-Appell skond il-Ligi, jiddikjara ghal kull buon fini li qed jissosspendi l-effetti tar-revoka tal-Licenza tas-Sewqan bi Prova tieghu; (b) jiddikjara in linea ta' revizjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, li l-Licenza tas-Sewqan bi Prova tieghu ma ghandhiex tigi revokata, u konsegwentement ghalhekk ihassar u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 12 ta' Novembru 2010; (iii) jordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex f'dan il-kaz ma tezigix il-konsenja tal-Licenza tas-Sewqan tieghu kif ukoll il-Kontroparti taghha; u (iv) jordna kwalunkwe

provvediment iehor xieraq u opportun fic-cirkostanzi; bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "KB1" sa' Dok. "KB7" a fol. 5 sa' 11 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema: (A) in linea preliminari tissottometti li: (i) ghandha ssir korrezzjoni f'isimha billi l-isem proprju taghha huwa "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" kif stabbilit bil-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) l-appell tar-Rikorrent ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li gie pprezentat *fuori termine* a tenur tar-Regolament 4(6) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009; u (B) fil-meritu topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li: (i) it-talbiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u d-decizjoni appellata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; u li (iv) ir-Rikorrent ma ssollevax l-eccezzjoni li ma kienx hu s-sewwieq li kkommetta l-kontravenzjonijiet relattivi, fil-hin u fil-waqt propizju u ghalhekk l-konkluzzjonijiet legali u kundanni relattivi huma u ghandhom jibqghu indirizzati unikament lilu;

Ra li b'Digriet moghti fit-8 ta' Frar 2011[1] giet awtorizzata l-korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata biex dan jigi jaqra "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" u li b'Digriet moghti fil-11 ta' April 2011[2] giet awtorizzata korrezzjoni fir-Rikors promotur fis-sens illi d-data meta r-Rikorrent gie notifikat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tigi indikata bhala s-7 ta' Dicembru 2010 minflok is-7 ta' Novembru 2010;

Ra d-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità intimata waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011 fis-sens illi fid-dawl tal-korrezzjoni awtorizzata b'Digriet moghti waqt dik l-istess seduta irtirat it-tieni eccezzjoni preliminari taghha;

Sema' x-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' April

[1] Fol. 18 tal-process.
[2] Fol. 25 tal-process.

2011[3], ta' l-4 ta' Ottubru 2011[4] u tal-15 ta' Gunju 2012 u ra d-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2011 markati Dok. "BF1" a fol. 32 sa' 35 tal-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011[5] u x-xhieda ta' Ben Cassano moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2011[6];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fil-11 ta' Lulju 2012[7] u ra in-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-Awtorità intimata pprezentata fit-23 ta' Awwissu 2012[8];

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tirrevokalu b'effett immedjat il-Licenza tas-Sewqan bi Prova tieghu stante li ikkommetta kontravenzjonijiet li flimkien jammontaw ghal tnax jew izjed f'punti ta' penali, liema decizjoni giet notifikata lilu b'ittra datata 12 ta' Novembru 2010[9]. L-Awtorità intimata tilqa' ghat-talbiet tar-Rikorrent b'eccezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-meritu, u essenzjalment tikkontendi li t-talbiet tar-Rikorrent ghandhom jigu michuda.

In linea preliminari l-Awtorità intimata tikkontendi li l-appell intavolat mir-Rikorrent gie pprezentat *fuori termine* u dan skond ir-Regolament 4(6) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009, u tosserva wkoll li tinhtieg korrezzjoni fl-atti tal-proceduri fis-sens illi isimha jigi indikat bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" peress illi dan huwa isimha proprio ai termini tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari gew sorvolati bid-Digrieti moghtija fit-8 ta' Frar 2011 u fil-11 ta' Marzu 2011

---

3 Fol. 27 tal-process.
4 Fol. 36 sa' 38 tal-process.
5 Fol. 29 u 30 tal-process.
6 Fol. 39 tal-process.
7 Fol. 50 sa' 55 tal-process.
8 Fol. 57 sa' 59 tal-process.
9 Dok. "KB6" a fol. 11 tal-process.

bis-sahha ta' liema: (i) giet awtorizzata l-korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata b'dana li tigi indikata bhala Awtorità ghat-Trasport f'Malta[10]; u (ii) giet awtorizzata korrezzjoni fir-Rikors promotur fis-sens illi d-data meta r-Rikorrent gie notifikat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata giet indikata bhala s-7 ta' Dicembru 2010 minflok is-7 ta' Novembru 2010[11], in segwitu ghal liema l-Awtorità intimata ritirat it-tieni eccezzjoni preliminari taghha.

Minn dan isegwi ghalhekk illi issa jifdal li l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lilu b'ittra datata 12 ta' Novembru 2010, jigi trattat fil-meritu.

B'ittra datata 12 ta' Novembru 2010[12] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Awtorità intimata li *skond regolament 41 tar-Regolamenti ta' l-2002 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Licenzji tas-Sewqan), il-kontravvenzjonijiet tat-traffiku rilevanti li int ikkommettejt irrizultaw f'akkumulazzjoni ta' tnax jew izjed f'punti ta' penali fil-Licenzja tas-Sewqan "Bi Prova" tieghek. B'konsegwenza t'hekk, il-Licenzja tas-Sewqan "Bi Prova" tieghek qieghda tigi revokata b'effett immedjat. Ghalhekk int mitlub (a) sabiex tikkonsenja l-Licenzja tas-Sewqan "Bi Prova" (plastic card) kif ukoll il-Kontroparti tal-Licenzja (karta) tieghek immedjatament, fis-Sezzjoni tal-Licenzji u Testijiet…* Ir-Rikorrent jikkontendi li din id-decizjoni hija nieqsa mir-ragjonevolezza u proporzjonalità, zewg principji fundamentali fil-kamp tad-Dritt Amministrattiv, ghaliex *ghalkemm l-erba' vetturi huma rregistrati fuq ismu, il-kontravvenzjonijiet li minhabba fihom hadet id-decizjoni l-Awtorità Intimata, ma sarux kollha mill-esponent u ghalhekk dan huwa fattur li zgur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal u mill-istess Awtorità*[13].

L-Awtorità intimata tilqa' ghal din il-pretensjoni tar-Rikorrent bil-kontestazzjoni li *ir-rikorrenti ma issollevax l-eccezzjoni li ma kienx hu s-sewwieq li ikkommetta l-kontravvenzjonijiet relattivi, fil-hin u fil-waqt propizju, allura*

[10] Digriet tat-8 ta' Frar 2011.
[11] Digriet tal-11 ta' Marzu 2011.
[12] Dok. "KB6" fol. 11 tal-process.
[13] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 50 sa' 55 tal-process.

*l-konkluzzjonijiet legali u kundanni relattivi huma u ghandhom jibqghu indirizzati unikament lill-istess rikorrenti*[14] u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghha[15] ulterjorment tikkontendi li *kuntrarjament ghal dak illi qieghed jigi erronejament u vessatorjament allegat mir-rikorrent, l-Awtorità esponenti fl-ebda waqt ma agiet b'mod irragjonevoli jew sproporzjonat fl-applikazzjoni tal-procedura rigwardanti r-revoka tal-licenza 'bi prova' tar-rikorrenti hekk kif imposta mill-legislatur. Fil-fatt, hija ma ghamlet xejn hlief illi segwiet il-proceduri vigenti abbazi ta' l-informazzjoni lilha ipprovduta mill-Qrati jew mill-Kunsilli Lokali rigward il-kontravenzjonijiet kommessi mir-rikorrent u b'hekk oggettivament ezegwiet dak illi jaqa' taht il-kompetenzi u fil-poteri taghha skond ir-Regolamenti vigenti, b'mod gust, ragjonevoli u certament in buona fede. … Illi huwa car illi ma jista' qatt jinghad illi l-Awtorità esponenti kienet ingusta, irragjonveoli jew in mala fede fil-proceduri ghat-tehid tad-decizjoni taghha ibbazata fuq kriterji imposti mill-ligi u applikati b'mod proporzjonali, ragjonevoli u gust, liema proceduri huma maghrufa mir-rikorrenti illi kien digà tilef il-licenza tas-sewqan 'bi prova' fis-sena 2008 kif muri fid-dokumenti mressqa mix-xhud Brian Farrugia immarkati Dok.BF1. Illi kif xehed ir-rikorrenti stess, huwa hallas il-multi kollha mahruga kontra tieghu. Dan il-hlas ghandu jitqies bhala accettazzjoni tar-responsabilità fir-rigward tal-kontravenzjonijiet in kwistjoni. In oltre, mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti fil-mori tal-kawza ma jirrizultax illi r-rikorrenti qatt appella dawn il-kontravenzjonijiet. Minkejja l-fatt illi jezistu bosta rimedji disponsibbli, fosthom illi jitressqu petizzjonijiet quddiem il-Bord dwar il-Petizzjonijiet kif stabbilit mill-Legislazzjoni Sussidjarja 291.04, ir-rikorrenti ghazel li ma jfittex ebda rimedju sabiex il-kontravenzjonijiet, illi huwa illum jallega li ma kkommettix hu stess, ma jwasslux ghat-tnaqqis ta' punti fuq il-licenza tieghu.*

Mis-sottomissjonijiet avvanzati mill-Awtorità intimata johrog b'mod car li l-istess Awtorità tikkontendi li ladarba r-Rikorrent qabel ressaq dawn il-proceduri, qatt ma avvanza l-allegazzjoni li l-kontravenzjonijiet li wasslu

[14] Risposta ta' l-Awtorità intimata, fol. 14 tal-process.
[15] Fol. 57 sa' 59 tal-process.

ghall-imposizzjoni ta’ punti ta’ penali fuq il-licenza tieghu ma gewx kommessi minnu izda minn terzi, senjatament impjegati tieghu, ghad illi kellu rimedji disponibbli biex jaghmel dan, din il-kwistjoni ma tistax tigi minnu sollevata quddiem dan it-Tribunal u b’hekk ikkunsidrata fil-kuntest tat-talba tieghu ghar-revoka tad-decizjoni taghha li tirrevokalu b'effett immedjat il-Licenza tas-Sewqan bi Prova.

Ghalkemm mill-atti processwali jirrizulta kkonfermat li r-Rikorrent ma kkontestax il-kontravenzjonijiet in kwistjoni[16] w addirittura hallas il-multi dovuti[17], u ma jirrizultax li ressaq petizzjoni quddiem il-Bord ta’ Petizzjonijiet ai termini tar-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali – Legislazzjoni Sussidjarja 291.04, it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni ta’ l-Awtorità intimata li r-Rikorrent ma jistax jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni taghha li tirrevokalu l-Licenza ta’ Sewqan bi Prova fuq kwistjoni minnu qatt qabel sollevata, u dana fid-dawl ta' dak provdut fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti <u>li jirrivedi atti amministrattivi ta’ l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta’ ligi u ta’ fatt</u>[18]. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta’ dik it-tilwima.* Minn dan l-artikolu tal-Ligi johrog car li t-Tribunal ma ghandux jillimita l-ezercizzju ta' revizjoni ta’ l-att amministrattiv kontestat fuq punti ta' ligi biss izda jista' u addirittura ghandu jikkonsidra l-kwistjoni migjuba quddiemu mill-aspett fattwali wkoll. B'hekk jekk lit-Tribunal jirrizultalu fatt, anke jekk mhux sollevat mill-appellant fi stadji precedenti ghall-istadju ta' revizjoni ta' l-att amministrattiv quddiem it-Tribunal, li jista' jimpingi fuq il-validità u/jew legalità ta' l-att amministrattiv kontestat, huwa ghandu jammetti prova dwar tali fatt u jiehu l-istess

[16] Dok. “BF1” a fol. 32 tal-process.
[17] Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 50 sa’ 55 tal-process.
[18] Sottolinear tat-Tribunal.

in konsiderazzjoni fil-konsiderazzjonijiet tieghu dwar il-kaz pendenti quddiemu.

Madanakollu però dan il-principju ma huwiex assolut ghaliex hemm diversi ligijiet - fosthom ad ezempju l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikoli 31(5) u 36(b) - illi ghad li jikkonferixxu kompetenza fuq it-Tribunal biex jirrevedi atti amministrattivi mwettqa tahthom, jipprekludu lill-appellant milli jressaq quddiem it-Tribunal fatti jew kwistjonijiet li ma jkunux gew minnu sollevati fi stadji ta' oggezzjoni li jipprecedu l-istadju ta' revizjoni quddiem dan it-Tribunal. L-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, però ma huwiex wiehed minn dawk l-Atti li ghad illi jikkonferixxi kompetenza fit-Tribunal biex jirrivedi atti amministrattivi mwettqa mill-Awtorità ghat-Trasport f' Malta[19], jipprekludi lill-appellant milli jressaq kwistjonijiet li ma jkunux gew minnu sollevati fl-istadji precedenti l-istadju ta' revizjoni quddiem it-Tribunal. B'hekk ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kuntest ta' appelli minn atti amministrattivi imwettqa mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta t-Tribunal jista' jikkonsidra fatti li jkunu qed jigu sollevati mill-appellant ghall-ewwel darba quddiemu. Naturalment però tali kwistjoni trid tigi sollevata mill-appellant fi stadju bikri tal-proceduri u mhux wara li jkun inghalaq l-istadju tal-provi tal-partijiet u l-appellant irid jipprova b'mod sodisfacenti li l-fatt minnu allegat effettivament jissussisti u li realment jolqot il-validità u/ jew korrettezza ta' l-att amministrattiv kontestat.

Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrent jikkontendi li l-kontravenzjonijiet li wasslu ghar-revoka tal-Licenza tas-Sewqan bi Prova tieghu minhabba l-punti ta' penali li gew imposti fuqu ma twettqux kollha minnu izda, minn impjegati tieghu li kienu jsuqu l-vetturi tieghu ghal skopijiet ta' xoghol. Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jippremetti li *ghall-kuntrarju ta' dak allegat fl-avviz precitat* [l-ittra mahruga mill-Awtorità intimata fit-12 ta' Novembru 2010] *hu ma kkommettiex numru ta' kontravvenzjonijiet li*

[19] Artikolu 40 tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta.

*jeccedu t-tnax il-punt li jiggustifikaw tali revoka tal-Licenzja skont il-Ligi. … Huwa self employed u … fix-xoghol tieghu hemm numru ta' haddiema li jaghmlu uzu mill-vetturi rregistrati fuq ismu u li hekk kif ser jigi ppruvat b'mod aktar dettaljat fil-mori ta' dan l-appell, parti minn dawn il-kontravvenzjonijiet saru minnhom u mhux mill-esponent. Illi l-esponent jirrileva illi fil-fatt, il-kontravvenzjonijiet li jirriferi ghalihom l-avviz summenzjonat jikkoncernaw il-vetturi tat-tip Peugeot targata CAF-318 u Toyota targata AAA-562 (Dok. 'KB2' u 'KB3') rispettivament, li huwa minnu li meta jinghaddu lkoll flimkien jeccedu t-tnax-il punt, izda certament li m'huwiex minnu li l-kontravvenzjonijiet saru kollha mill-esponenti hekk kif qed jigi allegat mill-Awtorità Intimata ghalkemm dawn ilkoll thallsu mill-esponent minghajr pregudizzju. Illi l-esponenti jiccara illi marbuta mal-vettura tat-tip Peugeot targata CAF-318 saret kontravvenzjoni wahda li ma saritx minnu izda minn terzi u fir-rigward tal-vettura tat-tip Toyota targata AAA-562 hemm erba' kontravvenzjonijiet li tlieta biss saru mill-esponenti, hekk kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Illi ghalhekk, skont dak summenzjonat, l-esponent ikkommetta tliet kontravvenzjonijiet biss li jammontaw ghal disa' (9) punti u mhux aktar u li ghalhekk certament ma jkunx gustifikat il-fatt li l-Licenzja tas-Sewqan tieghu tigi revokata*[20]*.*

Il-valur tal-prova mressqa mir-Rikorrent in sostenn tal-pretensjoni tieghu li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata hija fic-cirkostanzi rragjonevoli u mhux proporzjonali jehtieg li jigi kkunsidrat fid-dawl tal-principju li *where the validity of an administrative act or order is attacked, the incidence of the burden of proof may vary with the circumstances. The burden of proof naturally lies in the first instance upon the plaintiff or complainant. Whether he can transfer it to the defendant public authority depends upon the nature of the act* **u** fid-dawl tal-presunzjoni legali li *the decision or order is properly and validly made, a presumption sometimes expressed in the maxim omnia praesumptur rite esse acta. … In the absence of proof to the contrary, credit ought to be given to public officers, who have acted prima*

---

[20] Rikors promotur, fol. 1 u 2 tal-process.

*facie within the limits of their authority, for having done so with honesty and discretion*[21].

Il-Licenza tas-Sewqan bi Prova hija regolata bir-Regolamenti 38 sa' 43 tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Licenzi tas-Sewqan), Legislazzjoni Sussidjarja 65.18. Ir-Regolamenti 38 u 39 jipprovdu rispettivament li: *Sewwieqa godda li jghaddu mit-testijiet tas-sewqan jinghataw licenza tas-sewqan bi prova, meta jhallsu id-dritt, ghal perijodu ta' tliet snin. Il-licenza tas-sewqan bi prova tkun maghmula minn zewg taqsimiet, jigifieri card tal-plastik bir-ritratt u l-kontroparti fuq il-karta* u li *Sistema ta' punti ta' penali ghandha tapplika ghas-sewwieqa kollha li jkollhom licenza tas-sewqan bi prova, ghal kull wahda mill-kategoriji ta' licenzi elenkati fit-Tieni Skeda.* Ir-Regolamenti 40 u 41 jipprovdu rispettivament li: *Ghal kull kontravenzjoni, ghandhom jigu imposti mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Kummissarju tal-Gustizzja, skond il-kaz, punti ta' penali kif jidher fis-Sitt Skeda, u dawn jigu mnizzla fil-kontroparti tal-licenza tas-sewqan bi prova li jkollu s-sewwieq. Id-detentur tal-licenza tas-sewqan bi prova jkun mehtieg jipprezenta l-kontroparti tal-licenza tas-sewqan bi prova lill-Awtorità, fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol mid-data minn meta jinstab hati tal-konravenzjoni, jew fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol minn meta jhallas il-penali kif hemm provdut fl-artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja, kif ikun il-kaz, biex jitnizzlu l-punti ta' penali fuq dik il-kontroparti. Fejn id-dententur jammetti ir-reat u jhallas il-penali relevanti skond il-procedura specjali stabbilita fl-artikolu 62 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja, kif ikun il-kaz, l-Awtorità ghandha tnizzel, fuq il-kontroparti tal-licenza tas-sewqan bi prova tas-sewwieq, il-punti minimi ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda ghall-kontravenzjoni partikolari. Detentur ta' licenza tas-sewqan bi prova li jikser id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ghandu, meta jinsab hati, ikollu l-licenza tieghu tas-sewqan bi prova revokata jew sospiza skond ma l-Qorti*

[21] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pagni 246 u 247.

*tal-Magistrati jkun jidhrilha xieraq. Ghandu jkun ir-registratur tal-qorti jew l-iskrivan tat-tribunal li jaghti s-sentenza li jnizzel il-punti ta' penali mizjuda bis-sentenza f'database komputerizzata li ghandha titwaqqaf ghal dan il-ghan mill-Awtorità. Meta detentur ta' licenza tas-sewqan bi prova jintalab biex jidher quddiem il-qorti jew tribunal dwar reati li jidhru fis-Sitt Skeda, hu ghandu jkollu fuqu l-licenza imsemmija u l-kontroparti taghha u l-Magistrat jew il-Kummissarju ghall-Gustizzja ghandhom il-poter li jikkonfiskaw l-imsemmija licenza jekk il-punti ta' penali mnizzla fil-kontroparti ta' l-imsemmija licenza flimkien mal-punti ta' penali mizjuda bis-sentenza moghtija minn dak il-Magistrat jew Kummissarju ghall-Gustizzja jitilghu ghal tnax-il punt jew aktar* u li *Licenza tas-sewqan bi prova tigi revokata jekk, f'xi zmien matul il-perijodu ta' tliet snin bi prova, id-detentur ta' dik il-licenza jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar.*

Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, xehed waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2011[22] u esebixxa d-dokumenti markati Dok. "BF1" a fol. 32 sa' 35 tal-process, u mix-xhieda tieghu ubl-imsemmija dokumenti jirrizulta li skond kif provdut fir-Regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 l-Awtorità ghaddiet biex tirrevoka l-Licenza tas-Sewqan bi Prova tar-Rikorrent ghaliex mid-*database* imhejjija mill-Awtorità ai termini tar-Regolament 40(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 irrizulta li bejn l-1 ta' Lulju 2010 u t-3 ta' Novembru 2010 r-Rikorrent instab hati li kkommetta erba' kontravenzjonijiet (6 ta' Mejju 2010, 22 ta' Lulju 2010, 9 ta' Awwissu 2010 u 1 ta' Novembru 2010) li komplessivament taw lok ghall-imposizzjoni ta' tnax-il punt ta' penali fil-konfront tieghu.

Minn din ix-xhieda u dokumenti ghalhekk jidher li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tirrevoka l-Licenza ta' Sewqan bi Prova tar-Rikorrent hija wahda valida ghaliex ibbazata fuq informazzjoni ufficjali moghtija mill-Kunsill Lokali ta' fejn tkun harget il-kontravenzjoni lill-istess Awtorità, u hija in konformità mar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Licenza tas-Sewqan). Fid-dawl ta' dan

22 Fol. 36 sa' 38 tal-process.

ghalhekk ir-Rikorrent kien jehtieglu jressaq prova ferm konvincenti li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in verità ma kenitx korretta u li fic-cirkostanzi kienet irragjonevoli u nieqsa mill-proporzjonalità.

Ir-Rikorrent jittanta jipprova dak minnu premess fir-Rikors Promotur bix-xhieda tieghu stess u bix-xhieda ta' Ben Cassano, allegatament wiehed mill-impjegati tieghu fiz-zmien tal-kontravenzjonijiet. Waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011[23] ir-Rikorrent iddikjara li *jiena self employed u naghmel xoghol ta' installazzjoni u tiswija ta' airconditioners. Apparti jiena nhaddem tnejn minn nies ohra mieghi. Vannijiet ghandi tlieta, wiehed nuzah jiena u tnejn ohra jahdmu bihom impjegati tieghi. Fiz-zmien in kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri, kelli zewg impjegati wkoll. Il-vetturi li ghandi huma van Ford Transit, Toyota Hiace u Peugeot Partner. Kont ircevejt citazzjonijiet fuq il-vannijiet tieghi u ghalkemm ma kontx qed insuqhom jiena fiz-zmien tal-kontravenzjoni, tnaqqsu l-punti lili. Ahna mhux dejjem nuzaw l-istess vettura, bejnietna t-tlieta gieli nibdlu u skond liema jkun hemm nuzaw.* Biex jikkorobora dak minnu affermat ir-Rikorrent ressaq bhala xhud lil Ben Cassano li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2011[24] xehed illi *jiena kont impjegat mar-rikorrent fix-xoghol tieghu li kellu tal-airconditioners. Kont ilni impjegat mieghu sentejn imma fil-verità kont ilni nafu tliet snin u nofs. Jiena mhux l-ewwel darba li soqt il-vettura Peugeot Partner li hija tar-rikorrent però ma nistax niftakar in-numru ta' registrazzjoni ta' din il-vettura. Niftakar li f'Novembru tas-sena l-ohra kont qed insuq din il-vettura u kont qlajt citazzjoni meta kont il-Belt. Jiena citazzjoni wahda qlajt.*

It-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-prova mressqa mir-Rikorrent kontra l-validità tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu. Jibda biex jigi osservat illi ghalkemm ir-Rikorrent jallega li fiz-zmien tal-kontravenzjonijiet in kwistjoni huwa kellu zewg impjegati jahdmu mieghu b'wiehed minnhom jkun proprio Ben Cassano, u li kienu huma u mhux hu li kkommettew uhud mill-kontravenzjonijiet in kwistjoni, naqas milli jressaq

[23] Fol. 29 tal-process.
[24] Fol. 39 tal-process.

prova ufficjali li bhala fatt kellu nies impjegati mieghu u li ghalhekk verament kien hemm persuni ohra li kienu jaghmlu uzu mill-vetturi tieghu apparte hu. Barra minhekk ix-xhieda ta’ Ben Cassano ma tikkoroborax b'mod sodisfacenti dak allegat mir-Rikorrent u fiha certa inkonsistenzi li serjament ipoggu fid-dubju l-kredibilità tieghu. Ghalkemm Cassano ma setax jiftakar dettal bhamla huwa n-Numru tar-Registrazzjoni tal-vettura li tul is-sentejn li allegatament dam jahdem mar-Rikorrent ma kenitx l-ewwel darba li saqha, konvenjentement ftakar li kwazi sena qabel id-data li fiha ta x-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal kien qala’ citazzjoni il-Belt, liema kontravenzjoni mid-dokument Dok. “BF1” a fol.32 tal-process jirrizulta li tissarraf fl-imposizzjoni ta’ tlett punti ta’ penali fuq ir-Rikorrent.

Fil-fehma tat-Tribunal il-provi mressqa mir-Rikorrent kontra l-validità, rajonevolezza u proporzjonalità tad-decizjoni ta' l-Awtrotià intimata ma jeghlbux b'mod sodisfacenti l-presunzjoni li *the decision or order is properly and validly made,* u ghalhekk japplika l-principju iktar 'l fuq citat li *in the absence of proof to the contrary, credit ought to be given to public officers, who have acted prima facie within the limits of their authority, for having done so with honesty and discretion*[25]. Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lilu b' ittra datata 12 ta' Novembru 2010, ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tielet eccezzjoni ta' l-Awtorità intimata, jichad l-appell tar-Rikorrent. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---

[25] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pagni 246 u 247.

---------------------------------TMIEM---------------------------------